MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 85/2008

**Go p.l.c (C22334)**

**-vs-**

**Stanley Farrugia I.D. 368172(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tliet mija u tlieta u disghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€393.54) - (Lm168.94c) liema ammont huwa dovut lis-socjetà attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21443126 (CN 265825 AC 10134796). Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tliet mija u tlieta u disghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€393.54) - (Lm168.94c) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------